# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1236/2018 MH**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2019**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Kersten Camilleri (K.I. 353289M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Bank rikorrent tal-11 ta' Diċembru 2018** li permezz tiegħu espona:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'żewġ skritturi privati datati 10 ta' April 2014 (Dok. "A") u 10 ta' Awissu 2015 (Dok. "B") is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Kersten Camilleri;*

2. *Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Kersten Camilleri fis-somma ta' tmintax -il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€18,296.50) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Kersten Camilleri*

*mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Diċembru 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokument "A" u "B" ) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kersten Camilleri:*

*(a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Kersten Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

4. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

5. *Illi l-konvenut ġie nterpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju 2018, li kopji tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "E" sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-soċjeta' attriċi li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala*

*Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kersten Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Kersten Camilleri , li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

2. *Tikkundanna lil Kersten Camilleri iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tmintax -il elf, mitejn u sitta u disgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€18,296.50) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Kersten Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u Dok. "D1 sa D2") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-5 ta' Diċembru 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju 2018 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi kontestwalment kontra l-konvenut li hu nġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma ressaq ebda tweġiba u għalhekk baqa' kontumaċi.

Rat **ix-xhieda bl-affidavit ta' Johanna Bartolo**, rappreżentanta legali tas-soċjeta' attriċi[1] li sostanzjalment ikkonfermat dak li hemm fir-rikors ġuramentat.

[1] Fol 28

Rat ix-xhieda ta' **Dorianne Tanti**, rappreżentanta tal-Bank[2] li qalet li mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur 'il quddiem ma saru ebda depożiti da parti tal-konvenut u għalhekk il-bilanċ indikat fir-rikors ġuramentat għadu kollu dovut u qiegħed jiżdied bl-imgħax.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Bank attur kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenut iżda dan safa moruż fil-hlasijiet u minkejja li ġie uffiċjalment interpellat biex jersaq għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti, dan baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna.

Il-Qorti wara li rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-Bank attur hija sodisfatta li t-talbiet tiegħu jimmeritaw li jiġu akkolti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank attur kif dedotti bl-ispejjeż ikunu a karigu tal-konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**

[2] Fol 30 et seq